32004R0385

L 64/24 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 2.3.2004

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI(KE) Nru 385/2004

## ta' l-1 ta' Marzu 2004

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2341/2003 li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 780/2003 rigward subkwota tat-tariffi għal-laħam iffriżat ta' l-annimali bovini kopert mill-kodiċi NM 0202 u l-prodotti koperti mill-kodiċi NM 0206 29 91

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas suq tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 32(1) thereof,

Billi:

(1) Wara li rnexxa l-appell ta' operatur lil korp indipendenti taħt il-ġurisdizzjoni Olandiża kontra d-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet Olandiżi li ma japprovawx lil dak l-operatur skond l-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 780/2003 tas-7 ta' Mejju 2003 li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni ta' kwota għat-tariffi għal-laħam iffriżat ta' l-annimali bovini kopert mill-kodiċi NM 0202 u l-prodotti koperti mill-kodiċi NM 0206 29 91 (1 ta' Lulju 2003 sat-30 ta' Ġunju 2004) ([2]) u, konsegwentament, li jiċħdu l-applikazzjoni tiegħu għal liċenza għall-importazzjoni magħmula waqt l-ewwel perjodu (1 sa 4 ta' Lulju 2003) skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 12(2) ta' dak ir-Regolament, l-awtoritajiet Olandiżi kienu obbligati japprovaw lil dan l-operatur retrospettivament u joħorġu liċenza għall-importazzjoni rigward 33,34071 tunnellata metrika laħam iffriżat ta' l-annimali bovini għal dak il-perjodu.

(2) Bħala konsegwenza, il-kwantitajiet disponibbli għall-perjodu 3 sa 7 ta' Mejju 2004 skond l-Artikolu 1(2)(a)(ii) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2341/2003 ([3]) għandhom jiġu addattati sabiex jiġi ggarantit illi l-kwantità totali ta' tunnellata metrika disponibbli għas-sena 2003/2004 kif stipolat fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 780/2003 ma jiġix eċċedut..

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2341/2003, il-punt (ii) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(ii) 5708,65929 tunnellata metrika għall-perjodu mit-3 sas-7 ta' Mejju 2004;".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 1ta' Marzu 2004.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 160, tas-26.6.99, p. 21. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 270, tal-21.10.3, p. 1).

([2]) ĠU L 114, tat-8.5.3, p. 8.

([3]) ĠU L 346, tal-31.12.3, p. 33.